# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 73

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 61

15 ta' Marzu 2018


Werrej

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA


★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 134/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2018/356]** . . . . . . . . . . . . 1

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 135/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2018/357]** . . . . . . . . . . . . 3

★ **Deċiżjoni Tal-Kumitat Konġunt Taż-ŻEE Nru 136/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/358]** . . . . . . . . . . . . 4

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 137/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/359]** . . . . . . . . . . . . 6

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 138/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/360]** . . . . . . . . . . . . 7

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 139/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/361]** . . . . . . . . . . . . 9

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 140/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/362]** . . . . . . . . . . . . 11

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 141/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/363]** . . . . . . . . . . . . 12


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 142/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/364]** . . . . . 13

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 143/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/365]** . . . . . 14

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 144/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/366]** . . . . . 16

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/367]** . . . . . 18

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 146/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/368]** . . . . . 19

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 147/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/369]** . . . . . 20

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 148/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/370]** . . . . . 21

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 149/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/371]** . . . . . 22

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 150/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/372]** . . . . . 25

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 151/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2018/373]** . . . . . 26

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2018/374]** . . . . . 27

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 153/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/375]** . . . . . 28

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim ŻEE (2018/376)** . . . . . 29

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 156/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2018/377]** . . . . . 30

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 157/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2018/378]** . . . . . 31

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 158/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2018/379]** . . . . . . . . . . 32

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 159/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness XXII (Liġi tal-kumpaniji) tal-Ftehim ŻEE [2018/380]** . . . . . . . . . . 33

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 160/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet [2018/381]** . . . . . . . . . . 34

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 161/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet [2018/382]** . . . . . . . . . . 35

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 162/2016 tat-8 ta' Lulju 2016 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet [2018/383]** . . . . . . . . . . 36

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 163/2016 tas-26 ta' Awwissu 2016 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/384]** . . . . . . . . . . 38

★ **Nota lill-qarreja** . . . . . . . . . . 39

III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## NRU 134/2016

## tat-8 ta' Lulju 2016

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2018/356]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/348 tal-10 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 98/2012 fir-rigward tal-kontenut minimu tal-preparazzjoni ta' 6-fitasi (EC 3.1.3.26) prodotta mill-*Komagataella pastoris* (DSM 23036) bħala addittiv fl-għalf għall-ħnieżer għat-tismin (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Huvepharma EOOD) ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar l-għalf. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-għalf ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali fl-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(3) Għalhekk, l-Anness I tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej jiżdied fil-punt 2zza (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 98/2012) tal-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

", kif emendat bi:

— **32016 R 0348**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/348 tal-10 ta' Marzu 2016 (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 56)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/348 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

([1]) ĠU L 65, 11.3.2016, p. 56.
(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# NRU 135/2016

# tat-8 ta' Lulju 2016

# li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2018/357]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/329 tat-8 ta' Marzu 2016 dwar l-awtorizzazzjoni tas-6-fitażi bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċi tat-tjur kollha u għall-ħnienes miftuma, għall-ħnieżer għat-tismin, għall-ħnieżer nisa u għall-ispeċijiet minuri tal-porċini (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Lohmann Animal Nutrition GmbH) ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar l-għalf. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-għalf ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali fl-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(3) Għalhekk, l-Anness I tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt segwenti jiddaħħal wara l-punt 162 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/104) tal-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

"163. **32016 R 0329**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/329 tat-8 ta' Marzu 2016 dwar l-awtorizzazzjoni tas-6-fitażi bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċi tat-tjur kollha u għall-ħnienes miftuma, għall-ħnieżer għat-tismin, għall-ħnieżer nisa u għall-ispeċijiet minuri tal-porċini (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Lohmann Animal Nutrition GmbH) (ĠU L 62, 9.3.2016, p. 5)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/329 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

([1]) ĠU L 62, 9.3.2016, p. 5.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# NRU 136/2016

# tat-8 ta' Lulju 2016

# li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/358]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/158 tal-4 ta' Frar 2016 li tistabbilixxi miżuri ta' tranżizzjoni dwar ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u tal-ħalib fil-Kroazja ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward il-kwistjonijiet veterinarji u l-prodotti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet veterinarji u l-oġġetti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(3) Il-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fiż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) ("il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE tal-2014") iffirmat fil-11 ta' April 2014 fi Brussell, ilu applikabbli proviżorjament għall-firmatarji tiegħu mit-12 ta' April 2014, u għaldaqstant din id-Deċiżjoni għandha tapplika proviżorjament sakemm jidħol fis-seħħ il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE tal-2014.

(4) Għalhekk, l-Annessi I u II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied taħt l-intestatura dwar l-arranġamenti tranżizzjonali fil-punt 16 (ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-punt 17 (ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 6.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

"— **32016 D 0158**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/158 tal-4 ta' Frar 2016 li tistabbilixxi miżuri ta' tranżizzjoni dwar ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u tal-ħalib fil-Kroazja (ĠU L 31, 6.2.2016, p. 47)."

*Artikolu 2*

L-inċiż li ġej jiżdied taħt l-intestatura dwar l-arranġamenti tranżizzjonali fil-punt 54zzzh (ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32016 D 0158**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/158 tal-4 ta' Frar 2016 li tistabbilixxi miżuri ta' tranżizzjoni dwar ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u tal-ħalib fil-Kroazja (ĠU L 31, 6.2.2016, p. 47)."

*Artikolu 3*

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/158 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

([1]) ĠU L 31, 6.2.2016, p. 47.
([2]) ĠU L 170, 11.6.2014, p. 5.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew dakinhar tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE tal-2014, skont liema data tkun l-aktar reċenti.

Sakemm jidħol fis-seħħ il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE tal-2014, din id-Deċiżjoni għandha tapplika proviżorjament mid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

---

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# NRU 137/2016

# tat-8 ta’ Lulju 2016

# li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/359]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1 tat-3 ta’ Diċembru 2015 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta’ residwi għall-bifenażat, għall-boskalid, għaċ-ċjażofammid, għaċ-ċiromażina, għad-dażomet, għad-ditijokarbamati, għall-fluważifop-P, għall-mepanipirim, għall-metrafenon, għall-pikloram, għall-propamokarb, għall-piridaben, għall-pirjofenon, għas-sulfoksaflor, għat-tebukonażol, għat-tebufenpirad u għat-tiram f’ċerti prodotti jew fuqhom ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward l-għalf u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-oġġetti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(3) Għalhekk, l-Anness I u II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 40 (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

“— **32016 R 0001**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1 tat-3 ta’ Diċembru 2015 (ĠU L 2, 5.1.2016, p. 1).”

*Artikolu 2*

L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 54zzy (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

“— **32016 R 0001**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1 tat-3 ta’ Diċembru 2015 (ĠU L 2, 5.1.2016, p. 1).”

*Artikolu 3*

It-test tar-Regolament (UE) 2016/1 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta’ Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta’ Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

BERGDÍS ELLERTSDÓTTIR

([1]) ĠU L 2, 5.1.2016, p. 1.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## NRU 138/2016

## tat-8 ta' Lulju 2016

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/360]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/68 tal-15 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ibbrejkjar tal-vetturi għall-approvazzjoni ta' vetturi għall-agrikoltura u l-forestrija ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/96 tal-1 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ambjentali u tar-rendiment tal-unità tal-propulsjoni tal-vetturi agrikoli u forestali ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/504 tal-11 ta' Marzu 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti amministrattivi u l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin jiżdiedu mal-punt 40a (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni(UE) Nru 1322/2014) tal-Kapitolu II tal-Anness II mal-Ftehim ŻEE:

"40b. **32015 R 0068**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/68 tal-15 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ibbrejkjar tal-vetturi għall-approvazzjoni ta' vetturi għall-agrikoltura u l-forestrija (ĠU L 17, 23.1.2015, p. 1).

40c. **32015 R 0096**: Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/96 tal-1 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ambjentali u tar-rendiment tal-unità tal-propulsjoni tal-vetturi agrikoli u forestali (ĠU L 16, 23.1.2015, p. 1).

40d. **32015 R 0504**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/504 tal-11 ta' Marzu 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti amministrattivi u l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija(ĠU L 85, 28.3.2015, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2015/68 u (UE) 2015/96 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/504 bil-lingwa Iżlandiża u Norveġiża, li se jkunu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

([1]) ĠU L 17, 23.1.2015, p. 1.
([2]) ĠU L 16, 23.1.2015, p. 1.
([3]) ĠU L 85, 28.3.2015, p. 1.
(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżti kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# NRU 139/2016

# tat-8 ta' Lulju 2016

# li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/361]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/704 tat-30 ta' April 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 rigward il-livell massimu ta' PCB mhux simili għad-diossini fil-mazzola griża (*Squalus acanthias*) ([1]) maqbuda mis-selvaġġ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/705 tat-30 ta' April 2015 li jistabbilixxi metodi ta' teħid tal-kampjuni u kriterji ta' rendiment għall-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' aċidu eruċiku f'oġġetti tal-ikel u li jħassar id-Direttiva 80/891/KEE ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament (UE) 2015/705 iħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/891/KEE ([3]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandha tithassar skont il-Ftehim ŻEE.

(4) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni marbuta mal-prodotti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-prodotti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(5) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 54zzzz (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006):

"— **32015 R 0704**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/704 tat-30 ta' April 2015 (ĠU L 113, 1.5.2015, p. 27)."

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 107 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1898):

"108. **32015 R 0705**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/705 tat-30 ta' April 2015 li jistabbilixxi metodi ta' teħid tal-kampjuni u kriterji ta' rendiment għall-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' aċidu eruċiku f'oġġetti tal-ikel u li jħassar id-Direttiva 80/891/KEE (ĠU L 113, 1.5.2015, p. 29)."

3. It-test tal-punt 27 (id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/891/KEE) jitħassar.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2015/704 u (UE) 2015/705 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

---

([1]) ĠU L 113, 1.5.2015, p. 27.
([2]) ĠU L 113, 1.5.2015, p. 29.
([3]) ĠU L 254, 27.9.1980, p. 35.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# NRU 140/2016

# tat-8 ta' Lulju 2016

# li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/362]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/324 tas-7 ta' Marzu 2016 li jemenda u jikkoreġi l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' ċerti addittivi tal-ikel permessi fil-kategoriji kollha tal-ikel ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni marbuta mal-prodotti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-prodotti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 54zzzzr (ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32016 R 0324**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/324 tas-7 ta' Marzu 2016 (ĠU L 61, 8.3.2016, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) 2016/324 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

([1]) ĠU L 61, 8.3.2016, p. 1.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# NRU 141/2016

# tat-8 ta' Lulju 2016

# li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/363]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/683 tat-2 ta' Mejju 2016 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-użu tal-Aċidu propjoniku — propjonati (E 280 — 283) fit-tortillas ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni marbuta mal-prodotti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-prodotti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 54zzzzr (ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32016 R 0683**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/683 tat-2 ta' Mejju 2016 (ĠU L 117, 3.5.2016, p. 28)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) 2016/683 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

---

([1]) ĠU L 117, 3.5.2016, p. 28.
(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## NRU 142/2016

## tat-8 ta' Lulju 2016

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/364]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2314 tas-7 ta' Diċembru 2015 li jawtorizza indikazzjoni dwar is-saħħa fuq l-ikel, barra minn dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 432/2012 ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni marbuta mal-prodotti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-prodotti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 54zzzzzp (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012):

   "— **32015 R 2314**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2314 tas-7 ta' Diċembru 2015 (ĠU L 328, 12.12.2015, p. 46)."

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 108 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/705):

   "109. **32015 R 2314**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2314 tas-7 ta' Diċembru 2015 li jawtorizza indikazzjoni dwar is-saħħa fuq l-ikel, barra minn dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 432/2012 (ĠU L 328, 12.12.2015, p. 46)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) 2015/2314 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

---

([1]) ĠU L 328, 12.12.2015, p. 46.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**NRU 143/2016**

**tat-8 ta' Lulju 2016**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/365]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/128 tal-25 ta' Settembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/128 iħassar, b'effett mit-22 ta' Frar 2019, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandha titħassar taħt il-Ftehim ŻEE b'effett mit-22 ta' Frar 2019.

(3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni marbuta mal-prodotti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-prodotti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(4) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 77 (ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"77a. **32016 R 0128**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/128 tal-25 ta' Settembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali (ĠU L 25, 2.2.2016, p. 30).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Fl-Anness IV, għandu jiżdied dan li ġej:

— bl-Iżlandiż: 'Matvæli til nota í sérstökum læknisfræðilegum tilgangi'

— bin-Norveġiż: 'Næringsmiddel til spesielle medisinske formål'."

2. It-test tal-punt 54w (id-Direttiva tal-Kunsill 1999/21/KE) għandu jitħassar b'effett mit-22 ta' Frar 2019.

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/128 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkunu awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

---

([1]) ĠU L 25, 2.2.2016, p. 30.
([2]) ĠU L 91, 7.4.1999, p. 29.
(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# NRU 144/2016

# tat-8 ta' Lulju 2016

# li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/366]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/371 tal-15 ta' Marzu 2016 li jiċħad l-awtorizzazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet dwar l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa, minbarra dawk li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/372 tal-15 ta' Marzu 2016 li jiċħad li jawtorizza indikazzjoni dwar is-saħħa magħmula fuq l-ikel u li tirreferi għat-tnaqqis tar-riskju ta' mard ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni marbuta mal-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-oġġetti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(4) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jeħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 109 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2314) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"110. **32016 R 0371**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/371 tal-15 ta' Marzu 2016 li jiċħad l-awtorizzazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet dwar l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa, minbarra dawk li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (ĠU L 70, 16.3.2016, p. 12).

111. **32016 R 0372**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/372 tal-15 ta' Marzu 2016 li jiċħad li jawtorizza indikazzjoni dwar is-saħħa magħmula fuq l-ikel u li tirreferi għat-tnaqqis tar-riskju ta' mard (ĠU L 70, 16.3.2016, p. 16)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2016/371 u (UE) 2016/372 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

([1]) ĠU L 70, 16.3.2016, p. 12.
([2]) ĠU L 70, 16.3.2016, p. 16.
(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**NRU 145/2016**

**tat-8 ta' Lulju 2016**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/367]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/305 tat-3 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 f'dak li għandu x'jaqsam mas-sustanza "ġentamicina" ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/312 tal-4 ta' Marzu 2016 li jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 37/2010 fir-rigward tas-sustanza "tilvalosina" ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu fil-punt 13 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010) tal-Kapitolu XIII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32016 R 0305**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/305 tat-3 ta' Marzu 2016 (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 35),

— **32016 R 0312**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/312 tal-4 ta' Marzu 2016 (ĠU L 60, 5.3.2016, p. 3)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/305 u (UE) 2016/312 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

([1]) ĠU L 58, 4.3.2016, p. 35.
([2]) ĠU L 60, 5.3.2016, p. 3.
(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## NRU 146/2016

## tat-8 ta' Lulju 2016

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/368]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2016/585 tat-12 ta' Frar 2016 li temenda, għal skopijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb, il-kadmju, il-kromju eżavalenti u l-eteri tad-difenil polibromurat (PBDE) fil-parts tal-bdil irkuprati minn u użati għat-tiswija jew ir-rinnovament ta' mezzi mediċi jew mikroskopji tal-elettroni ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 12q (id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32016 L 0585**: Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2016/585 tat-12 ta' Frar 2016 (ĠU L 101, 16.4.2016, p. 12)."

*Artikolu 2*

It-test tad-Direttiva Delegata (UE) 2016/585 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

